# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tallum il-Ġimgħa tletin (30) ta' Lulju, 2025

**Rikors Ġuramentat nru.: 1323/2024 MH**

**Numru: 1**

**Robert Micallef**
**Vs**
**Marsaxlokk Football Club**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat imressaq ai termini ta' l-artikolu 167 et. seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġie premess kif ġej;

1. *"Illi l-esponent huwa kreditur tal-klabb intimat fl-ammont ta'* ***hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u tnejn u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (€25,382.15c),*** *rapprezentanti:*

a) *in kwantu ghal ghoxrin elf Euro (EUR20.000) is-sehem dovut minn Marsaxlokk Football Club mis-sorte fl-ammont ta' erbghin elf Euro (EUR40,000) pagabbli mill-partijiet premessi b'mod solidali bejniethom lil George Spiteri (KI. 609855M) skond kif jirrizulta mis-sentenzi rispettivament bin-numru 1081/15LM, 188/16LM u 1113/17LM (ilkoll fl-ismijiet George Spiteri vs. Marsaxlokk Football Club u Robert Micallef) decizi mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 2017, fis-27 ta' Marzu 2018 u fil-11 ta' Lulju 2018 [kopja legali tas-sentenzi su-riferiti annessa u mmarkata rispettivament bhala* ***Dok RMI, Dok RM2*** *u* ***Dok RM3****]. Il-fondi hawn indikati kienu ttiehdu minn kont appartenenti lill-mittent sabiex jigu ddepozitati taht l-Awtorita' tal-Qorti in segwitu ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1662/15 [****Dok RM4*** *anness] (Cedola Numru 354/16) mahrug minn George Spiteri fl-ammont globali ta' hamsa u erbghin elf Euro (€45,000), b'dan illi fid-29 ta' Awwissu 2019 din is-somma giet zbankat fl-intier taghha favur l-imsemmi George Spiteri [kopja tac-cedola u tal-formoli tal-izbank relattivi annessa u flimkien immarkati bhala* ***Dok RM5****];*

b) *in kwantu ghas-somma ta' hamest elef Euro (EUR5,000) il-bilanc mis-sorte dovut unikament minn Marsaxlokk Football Club lill-imsemmi George Spiteri in konnessjoni mal-procedura bin-numru 188/16LM (George Spiteri vs. Marsaxlokk Football Club u Robert Micallef) deciza mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 2017 — liema fondi kienu ttiehdu minn kont appartenenti lill-mittent kif fuq premess sabiex jigu ddepozitati taht l-Awtorita' tal-Qorti in segwitu ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1662/15 (Cedola Numru 354/16), b'dan illi fid-29 ta' Awwissu 2019 l-istess fondi gew zbankati favur l-imsemmi George Spiteri [Dok RM5];*

(b) *it-tieni procedura [****Rikors Numru 188/16LM*** *fl-ismijiet George Spiteri vs Marsaxlokk Football Club u Robert Micallef inbdiet permezz tar-rikors li kien ipprezentat minn MFC fejn ukoll intalab illi tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-istess Ittra Ufficjali Numru 3551/15 illi kien ipprezenta George Spiteri sabiex jezegwixxi l-kambjali fuq imsemmija. Din l-azzjoni giet deciza fis-27 ta' Marzu 2018 u l-Qorti cahdet it-talbiet tal-MFC bl-ispejjez kontra l-imsemmi klabb [Dok RM2 anness mar-rikors promotur];*

(c) *it-tielet procedura [**Rikors Numru 1113/17LM** fl-ismijiet George Spiteri vs Marsaxlokk Football Club u Robert Micallef] inbdiet permezz tar-rikors li kien ipprezentat minn George Spiteri illi talab li jkun awtorizzat jghaddi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali fuq imsemmija fl-ammont globali ta' €45,000. Din l-azzjoni giet deciza fil-11 ta' Lulju 2018 u l-Qorti ddecidiet billi (i) kkonkludiet illi l-azzjoni dwar il-kambjala li mmaturat fil-31 ta' Awwissu 2010 kienet preskritta fil-konfront tal-esponent Micallef u ghalhekk ma setghetx tigi ezegwita kontra tieghu; (ii) laqghet il-bqija tat-talbiet ta' George Spiteri [Dok RM3 anness mar-rikors promotur].*

2. *Illi wara li gew decizi l-proceduri kollha dwar il-kwistjoni tal-kambjali, George Spiteri kien ghadda sabiex zbanka s-somma ta' €45,000 fl-intier taghha fid-29 ta' Awwissu 2019 [Dok RM5 anness mar-rikors promotur].*

3. *Illi skond kif jirrizulta mis-sentenza moghtija fir-Rikors Numru 1113/17LM ir-rikorrent u l-MFC huma responsabbli solidalment ghall-hlas dovut lil George Spiteri b'referenza ghall-kambjali illi mmaturaw bejn 2011 u 2014 — cioe' fis-somma globali ta' €40,000. Ghalhekk is-somma ta' €20,000 li ttiehdet mill-fondi li kienu gew iddepozitati l-Qorti mill-kont tar-rikorrent, tirraprezenta s-sehem illi huwa dovut minn MFC.*

4. *Apparti hekk — ukoll kif deciz fis-sentenza fuq indikata fir-Rikors Numru 1113/17LM — is-somma ta' €5000 relattiva ghall-kambjala li mmaturat fil-31 ta' Awwissu 2010 kienet dovuta lil George Spiteri esklussivament minghand il-MFC. Madanakollu dan l-ammont ukoll gie zbankat mill-kont tar-rikorrent.*

5. *Wara li ntemmet il-procedura fir-Rikors Numru 188/16LM f'Marzu 2018, kienet intbaghtet korrispondenza legali lill-MFC fejn intalab il-hlas tal-ispejjez gudizzjarji minnha dovuti lir-rikorrent fl-ammont ta' tlett mija u tnejn u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (EUR382.15c) [kopja tal-ittra datata l-11 ta' Settembru 2018 annessa u mmarkata bhala **Dok RM8**] madanakollu l-MFC baqa' qatt ma resaq ghall-hlas.*

6. *Meta f'Awwissu 2019 — wara li kienu konkluzi t-tlett proceduri — kienu ngibdu l-fondi fuq indikati mill-kont tar-rikorrent, kienet giet pprezentata ittra ufficjali (IU Numru 3999/19) fil-konfront ta' MFC [kopja legali annessa u mmarkata bhala **Dok RM9**]. Sussegwentement fis-6 ta' Awwissu 2024 giet intavolata ittra ufficjali ohra (Nru 3587/24) illi kienet giet innotifikata lil Frank Cachia fil-kapacita' tieghu bhala President tal-istess klabb intimat fl-20 ta' Awwissu 2024 [Dok RM 7 anness mar-rikors promotur].*

7. *Minkejja dan kollu l-MFC qatt ma resaq sabiex ihallas l-ammonti minnu dovuti u ghalhekk il-bilanc su-riferit huwa cert, likwidu u dovut lir-rikorrent.*

c) *in kwantu ghal tlett mija u tnejn u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (EUR382.15c) l-ispejjez gudizzjarji dovuti minn Marsaxlokk Football Club lill-mittent in konnessjoni mal-procedura bin-numru 188/16LM (George Spiteri vs. Marsaxlokk Football Club u Robert Micallef), u dan skond it-Taxxa Ufficjali tad-Drittijiet u l-Ispejjez mahruga mir-Registratur tal-Qorti Civili [kopja annessa u mmarkata bhala **Dok RM6**];*

8. *Illi nonostante l-fatt illi l-klabb intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammonti minnu dovuti lill-esponent kif fuq premess, u dan inkluz permezz tal-Ittra Ufficjali (Nru 3587 /24) intavolata fis-6 ta' Awwissu 2024 — liema ittra giet debitament innotifikata lil Frank Cachia fil-kapacita' tieghu bhala President tal-istess klabb intimat fl-20 ta' Awwissu 2024 — [kopja legali annessa u mmarkata bhala **Dok RM7**] dan baqa' inadempjenti;*

9. *Illi l-bilanc su-riferit huwa cert, likwidu u dovut;*

10. *Illi sa fejn jaf l-esponent il-klabb intimat ma ghandux eccezzjonijiet validi x'jaghti kontra t-talbiet attrici u ghalhekk jissussistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikoli 167-170 sal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***Ghaldaqstant**, ghar-ragunijiet premessi u salv kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

11. *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-ArtikoIi 167 — 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

12. *Tiddikjara illi l-klabb intimat huwa debitur tar-rikorrent fl-ammont komplessiv ta'* ***hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u tnejn u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (€25.382.15c);*** *u*

13. *Tikkundanna lill-klabb intimat sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma ta'* ***hamsa u ghoxrin elf. tlett mija u tnejn u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (€25.382.15c).***

*Bl-ispejjez — inkluz tal-Ittri Ufficjali Numru 3587/24 u 3999/19 u kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ntavolat kontestwalment — u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-klabb intimat, illi r-rapprezentanti tieghu huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat li ai terminu ta' l-ewwel digriet tagħha dan ir-rikors ġuramentat ġie debitament notifikat lill-kontro parti.[1]

Rat li darba notifikat il-konvenut daħħal nota kif inhu permess lilu bil-liġi biex jattakka din il-proċedura sommarja, nota datata 11 ta' Ġunju, 2025.[2]

---

[1] Folio 50.

[2] Folio 75

Wara li l-Qorti semgħet id-debita trattazzjoni fuq il-punt proċedurali sollevat mill-konvenut, tat lir-rikorrenti terminu ta' żmien biex jippreżenta da parti tiegħu nota ta' referenza. Hekk sar.[3]

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut jopponi din il-proċedura sommarja fuq punt proċedurali. Isostni illi l-mod kif ġie redatt ir-rikors ġuramentat huwa monk għax ma jsegwix il-preċetti tal-artikolu 167(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirreferi li l-mankanza tolqot in-nuqqas tal-ordni tassattiva li trid tingħata lill-konvenut biex jidher fil-jum u l-ħin li jiġu mogħtija lilu mill-Qorti.

**Kif sew jippuntwalizza l-konvenut din l-ordni hija nieqsa mill-intestatura tar-rikors ġuramentat.**

[3] Folio 76, datata 30 ta' Ġunju, 2025.

Minn naħa l-oħra r-rikorrenti jirreżisti għal din il-ħtieġa proċedurali u ritwali bill jressaq eżempji ta' sentenzi mogħtija f'din il-proċedura sommarja, giljottina, fejn rikorsi ġuramentati mfassla bħal dak tallum, ma ġewx opposti fuq nuqqas ta' din il-formalita'. Anzi fin-nota ta' referenza jagħti elenku ta' sentenzi mogħtija b'din il-proċedura li ġarrew l-istess mankanza, u l-Qorti deċidenti lanqas ma ressqet minn jeddha kif setgħet, dan l-għelt proċedurali. Saħansitra tiġi kwotata sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubju din id-difiża mressqa hija waħda li tolqot il-formalita' ta' kif ġie redatt ir-rikors ġuramentat u ġaladarba hi ta' ordni pubbliku tista' kif sew jgħid ir-rikorrenti tiġi anke sollevata mil-Qorti. Huwa fatt li ingħataw deċiżjonijiet favur il-proċedura sommarja fejn la din il-Qorti sedenti, oħrajn u lanqas il-konvenut ma ressqu tali difiża.

Fuq dan straħ ħafna r-rikorrenti. Pero' hawn jiżbalja. Ma jfissirx li għax bi żvista din l-eċċezzjoni ma ġietx sollevata li tilfet il-ħtieġa legali tagħha, kieku hekk mhux parti mil-liġi ritwali miktuba.

L-artikolu 167 tal-Kap 12 jelenka l-formalita' tal-proċedura bil-giljottina, ta' smiegħ sommarju, jaqra:

*(1) "Fil-kawżi ta' kompetenza tal-qrati superjuri jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri,meta t-talba hija biss –*

*(a) għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq, illi majkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt; inkella*

*(b) għall-iżgumbrament ta' kull persuna minn raba' jewminn bini, sew jekk b'talba għall-ħlas ta' ċens, kerajew kull ħlas ieħor dovut, jew għal danni bħalakumpens sakemm il-fond jitbattal, jew mingħajrha, jew*

*(ċ) għal żgumbrament ta' operatur, kerrej jew xi okkupantioħra, li jinkludu xi membri ta' persunal tagħhom minnbċejjeċ tal-baħar jew inġenji tal-ajru,l-attur jista' jitlob fl-att stess tar-rikors ġuramentat li jiġi deċiżskont it-talba, bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża:*

*Iżda l-attur għandu id-dikjarazzjoni tiegħu, magħmula skont l-artikolu 156(3), jiddikjara li safejn jaf hu l-konvenut magħandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba:Iżda wkoll, l-attur jista' wkoll jippreżenta affidavit maħluf ta' kull persuna oħra, li jkun fih fatti li għandhom x'jaqsmu mat-talba, u li jikkonferma li l-persuna tkun taf b'dawk il-fattipersonalment.*

***(2) Fil-każijiet ikkuntemplati f'dan l-artikolu, ir-rikors ġuramentat isir bil-miktub, skont il-formula stabbilita u għandu jkun fih l-ordni lill-konvenut biex jidher quddiem il-qorti fil-jum u fil-ħin li jiġu mogħtija.***

*(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 156(1)(a), (b), u (ċ), (2) u(3) u tal-artikolu 159 jgħoddu għal dan ir-rikors ġuramentat."*

L-enfasi tal-Qorti fis-sub-inċiż 2 hawn b'tipa grassa, huwa biex wieħed jifhem kemm hu ċar fid-diċitura tiegħu, li r-rikors ġuramentat li jixpruna l-kawża GĦANDU jkun fih l-ordni ta' meta l-konvenut għandu jidher quddiem il-Qorti, bil-jum u ħin speċifikati, biex jkun jista' jiddefendi lilu nnifsu minn dawn il-proċeduri li huma biss intiżi biex joħonqu d-dritt ta' difiża tiegħu, jekk ikollhom suċċess.

Qalja għalhekk jista' jiġi argumentat li dan ir-rekwiżit li l-liġi timponi fis-sub-artikolu 2 huwa wieħed li jista' jiġi minsi, injorat jew addirittura eliminat mill-format tar-rikors ġuramentat.

Xejn ma jiswa li l-konvenut jiġi notifikat bl-avviż tas-smigħ. Huwa ċar li għal-liġi dan waħdu mhux biżżejjed. Fil-fatt qari ta' l-istess naraw li dan, kif hawn redatt, jagħti biss l-informazzjoni ta' meta l-kawża hija mqiegħda fuq il-lista għas-smigħ, mentri dak li jispeċifika is-sub-inċiż 2 ta' l-artikolu 167 imur ħafna oltre. Hawn il-konvenut **hu ordnat**, b'mod aktar emfatiku, li jidher il-Qorti.

L-importanza ta' din id-dehra, ta' l-ordni għalija, toħrog ċar minn dak li jgħid l-artikolu 170 li jsegwi, li jistipula l-modi kif il-konvenut li qed jirreżisti din it-talba għandu jagħmel dan:

*"170.(1) Jekk il-konvenut jibqa' kontumaċi, jew, jekk jidher, ma jopponix bħala mhix regolari jew li ma tgħoddx għall-każ, il-proċedura li biha nqeda l-attur, inkella, jekk jagħti din l-eċċezzjoni ma tiġix milqugħa, ma jagħtix prova, bil-ġurament tiegħu, jew xort'oħra, li fil-fehma tal-qorti tkun biżżejjed biex turi li għandu eċċezzjonijiet prima facie,fil-liġi jew fil-fatt xi jġib kontra l-meritu tal-azzjoni, jew xort'oħra ma jġibx fatti jew punti ta' liġi li jistgħu jitqiesu li jkunu biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jagħmel kontro-talba, il-qorti tiddeċiedi minnufih il-kawża, billi tilqa' t-talba tal-attur. Il-konvenut jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu biex jattakka l-proċedimenti magħmula mill-attur bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ permezz ta' nota li tiġi preżentata fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza.*

*(2) Meta l-konvenut jirnexxilu jattakka l-proċedimenti fuq il-bażi ta' irregolarità, jew inapplikabilità, jew meta jissodisfa lill-qorti li huwa għandu eċċezzjoni prima facie biex jopponi t-talba, jew iġib fatti jew punti ta' dritt li jitqiesu bħala biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jagħmel kontro-talba,jingħata lilu l-permess li jopponi l-azzjoni u li jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tal-ordni msemmi fis-subartikolu (4), f'liema każ il-konvenut għandu jħares id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 158 sa fejn dan igħodd.*

*(3) Meta jingħata dan il-permess, il-kawża tiġi mismugħa u deċiża, fuq l-istess atti, fil-kors ordinarju tagħha kif stabbilit f'dan il-Kodiċi.*

*(4) Id-digriet dwar il-permess hawn fuq imsemmi jingħata bil-fomm, u tiegħu jitniżżel notament fl-atti tal-kawża."*

Il-ħsieb wara u l-imperattivita' tas-sub-inċiż 2 ta' l-artikolu 167 huwa ċar mill-qari ta' l-artikolu 170 għal mod kif hemm il-konvenut jista' jopponi din il-proċedura.

Magħdud ma' dan il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza li ġiet ċitata mill-konvenut fl-ismijiet **Pauline Debono v. Paul Falzon** mogħtija mill-Qorti tal-Appell[4]:

> 16 *"L-appell tal-lum għandu x'jaqsam mat-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-**Artikoli 167** sa **170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jitkellmu dwar il-proċedimenti sommarji.*
>
> 17. *Dawn l-artikoli huma minnhom infushom ta' natura eċċezzjonali għaliex dawn jitbiegħdu mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata' wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawża (ara **Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 2005). Kemm hu hekk, il-proċeduri sommarji huma l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-audi alteram partem (ara **Antonella Mizzi v. Jean Claude Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru, 2013).*
>
> 18. *L-artikoli marbuta mal-proċess sommarju għalhekk għandhom jiġu meqjusa b' ċertu reqqa, tant li ġie mtenni li dawn għandhom jiġu mħarsa ad unguem, jiġifieri bl-eżatt (ara **Charles Bonnici nomine v. Anna Farrugia** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Frar, 1999). Ifisser dan, li qabel tissokta bid-dispensa tas-smigħ, il-qorti trid tkun konvinta li r-rikors imressaq mill-attur ikun iħares il-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-liġi biex il-kawża tkun tista' tinqata' skont il-proċedura sommarja.*

---

[4] Deċiża 7 ta' Novembru, 2024 Rikors numru 896/2020/1 GM

*19 Il-qorti m'għandhiex tiddejjaq jew toqgħod lura milli tiċħad talba biex jinżammu proċeduri sommarji, jekk hija tintebaħ li r-rikors imressaq mill-attur ma jkunx joqgħod għal kollox ma' dak li titlob il-liġi. Anzi huwa dmir tal-qorti li twarrab il-proċedura sommarja u tordna li kawża tieħu l-kors ordinarju tagħha, jekk hija issib xi nuqqas ta' ħtieġa proċedurali mandatorja fir-rikors, li permezz tiegħu qed jintalab id-dispensa tas-smigħ (ara* ***EuroJet Limited v. High Flyer Services Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Mejju, 2000).*

*20. Biex wieħed isemmi eżempju, fis-sentenza* ***Vella Estates Limited v. Emanuel Borg*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju, 2011 ġie stabbilit li l-attur ma jistax jitlob li l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, jekk huwa stess fir-rikors maħluf ikun niżżel it-twissija msemmija fl-***Artikolu 156(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*** *sabiex il-konvenut iressaq risposta maħlufa fi żmien għoxrin jum minn meta jirċievi r-rikors maħluf. Hekk ukoll fis-sentenza deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ġunju, 2021 ġie mfisser li attur ma jistax jinsisti li l-kawża tinqata' bil-proċediment sommarju jekk kemm-il darba dan jonqos milli jagħmel dikjarazzjoni skont l-***Artikolu 167(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura****, fejn jgħid li sa fejn jaf hu, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet tiegħu.*

***21. Tassew il-jedd tal-udjenza u tal-kontestazzjoni m'għandhomx jitwarrbu kif ġieb u laħaq iżda għandhom jiġu dispensati biss, kull fejn ikun hemm iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kollha msemmija fil-liġi. Wara kollox il-liġi tal-proċedura diġà qiegħda tpoġġi l-konvenut f'pożizzjoni ta' żvantaġġ billi fl-ewwel lok teżiġi minnu l-preżenza fiżika tiegħu fil-jum tas-smigħ u mbagħad li hu jkun pront bid-difiża tiegħu biex jikkonvinċi lill-Qorti li kellu eċċezzjonijiet validi x'jagħti fuq bażi prima facie. F'tali ċirkostanzi għalhekk il-Qorti trid toqgħod attenta milli tagħmel is-sitwazzjoni tal-konvenut aktar iebsa milli tkun (ara Agnes Farrugia et v. John Hili et deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010).***

*22. Issa l-liġi tagħti żewġ rimedji lill-konvenut biex iwaqqaf il-proċeduri sommarji. Il-konvenut jista' jagħżel li jippreżenta nota*

*fir-reġistru jew fl-udjenza, fejn jispjega li l-proċedura bil-proċediment sommarju mressqa mill-attur, «mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ»; jew inkella jista' jagħżel illi fl-ewwel udjenza jipprova jikkonvinċi lill-Qorti li prima facie huwa għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontrotalba valida xi jressaq fil-mertu (ara* ***Carmel Cortis v. Paul Fenech*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Mejju, 2015).*

*23. Il-konvenut huwa ħieles li jinqeda b'dawn iż-żewġ rimedji flimkien biex il-proċeduri ma jibqgħux bil-proċediment sommarju u jimxu skont il-proċedura ordinarja (ara* ***Josephine Snoussi v. Carmel Grixti*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar, 2022)."*

Ċar għalhekk, li l-ordni li jrid is-sub-inċiż 2 ta' l-artikolu 167 hija imperattiva biex twassal lil konvenut għax-xelta tal-kontestazzjoni ta' din il-proċedura quddiem din il-Qorti. Anke jekk il-konvenut huwa mogħti kif naraw il-fakolta' tan-nota, dan ma jnaqqas xejn jew jimmilita favur it-tneħħija ta' dak li jrid is-sub-inċiż 2.

Isib li għalhekk il-konvenut Club għandu raġun u li b'hekk din il-proċedura ma tistax timxi b'mod sommarju.

**Konsegwentement qegħda takkorda lill-Club konvenut it-terminu ta' għoxrin jum biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu, biex b'hekk din il-kawża**

**titmexxa bil-proċedura ordinarja a kontrarju ta' dak mitlub fl-ewwel talba attriċi.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep.Reġ**